MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' April, 2012

Numru. 328/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**Vs**

**Alan Borg ta' 43 sena imwieled fid-29 ta' Settembru 1968 Essex UK bin Francis u Mary nee' Spiteri residenti f' Flat no.4 Victoria Flats Triq il-Fliegu San Pawl il-Bahar/Angela, Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 295691(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alan Borg akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda fl-2009 u fis-snin ta' qabel gewwa l-Gzejjer Maltin f'hinijiet differenti ikkometta serq ta' hwejjeg ta' valur aktar minn €2330 ghad-detriment

ta’ terzi persuni liema serq huw aikkwalifikat bil-valur u bil-persuna.

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnjata lilu taht titolu illi igib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat liema haga giet fdata jew ikkunsinnjata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Rat d-dokumenti esebieti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat n-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali tat-tmintax (18) ta’ April 2011.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, liema dikjarazzjoni ta’ amissjoni giet riaffermata minnu wara li gie moghti hin ragjonevoli skond il-ligi sabiex jikkunsidra l-istess.

Semghet trattazzjoni dwar piena.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u l-fedina penali kwazi nadifa tieghu. Jidher illi l-imputat iddispjacih ghal dak li ghamel u lest illi irodd lura il-flus li ha indebitament. Illi ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi piena

karcerarja effettiva ma tkunx idonja billi l-imputat ma ikunx f'posizzjoni irodd lura dak illi ha minn ghand il-parti leza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261(c)(d), 267, 268(d), 279(a), 280(1), 281(a), 293, 294, 310(1)(b)(c), 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi mijuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sena prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba' snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Finalment wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat ihallas lill-parti leza Alexander Attard ghan-nom ta' Leaf Limited s-somma ta' tnax-il elf u hames mitt ewro (€12500) u dana fi zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------